Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP
parva non iners

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## L-Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Nru. 07/2024

**Data tal-laqgħa:** 16 t'Ottubru, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 41, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fil-17.00 ta' filgħaxija.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | ***Sindku*** |
| Bernice Caruana | ***Viċi Sindku*** |
| Loranna Bonnici | ***Kunsilliera*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsilliera*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Franklan Debono | ***Aġent Segretarju Eżekuttiv*** |



MZ

# MINUTI

## 7.1 Qari tal-Ittri tal-Apoloġiji

7.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 7.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 6

7.2.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 6 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Matthew Agius Zammit, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Bernice Caruana, dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mil-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 7.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

7.3.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit ippreżenta l-Espressjoni ta' Interess għal Servizzi ta' manutenzjoni Minuri f'Binjiet Pubbliċi

7.3.1.1 Is-Sindku staqsa lill-membri biex jesprimu u jiġu b'ismjiet ta' postijiet li għandhom bżonn manutenzzjoni fil-lokal.

7.3.1.2 Il-membri qablu li binja Pubblika li bħalissa għandha bżonn ta' manutenzzjoni huwa l-Kabb tal-Boċċi li jinsab fi Triq il-Barrieri, Kirkop.

7.3.1.3 Fuq dan kien hemm qbil unanimu li jkun hemm proċediment għall-applikazzjoni.

7.3.2 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li huwa flimkien mal-Kunsillera Ritienne Caruana kellhom laqgħa mas- Sa. Roberta Micallef (Leader tas- Southern Community Services) fejn ġew diskussi bosta affarijiet. Fosthom, affraijiet li ried ikun hemm qbil fuqhom biex iseħħu:



MZ

- Li jkollhom mejda għalihom waqt l-attivta' tal-Gigantic fejn ikunu jistgħu itellgħu materjal tagħhom.
- Li jiġi nstallat *'bin' quddiem* il-binja tagħhom.
- Li jkollhom roqqa ħamrija fejn it-tfal ikunu jistgħu jagħmlu użu minnha.
- Ll jinqatgħa xi żebbuġ u bih jagħmlu affarijiet li jkunu jistgħu jinbiegħu f'attivita'

Għal dawn il-punti li ġew issuġġeriti kien hemm qbil unanimu mil-membri kollha biex ikunu jistgħu jseħħu.

7.3.3 Is-Sindku f'isem il-Kunsilliera Loranna resaq talba biex l-Kunsill japprova ħlas li jsir lill-għaqda pastorali Ħal Kirkop biex ikunu jistgħu jixtru affarijiet biex jimlew il-boroż ta' San Martin u dawn jitqassmu lit-tfal waqt attivita' li l-Kunsill ġie mistieden għaliha nhar id-9 ta' Novembru, 2024. Liema talba ġiet milqugħa mil-membri tal-Kunsill fuq qbil anomimu.

7.3.4 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li wara varji diskusjsonijiet rigward pjazza Żerniq u l-istat ta' manutenzzjoni li tinsab fiha speċjalment rigward is-sistema tal-ilma, kien il-waqt li jsir xi ħaġa.

7.3.4.1 Is-Sindku ssuġġerixa li f'dan l-istadju ħa jibda l-proċess billi jsir BOQ biex b'hekk tiġi sottomessa applikazzjoni taħt il-Framework u jintużaw il-fondi li ġew allokati taħt din l-iskema.Fuq dan kien hemm qbil mill-Kunsill kollu.

7.3.5 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li fuq il-problema ta' drenaġġ li kien hemm fi Triq San Nikola ħa jsir arranġament li l-isprall tad-drenaġġ ħa jitla' żewġ filati 'l fuq ħalli tnixxija ma jkunx hemm .

7.3.5.1 Li ħa jsir ukoll huwa li t-triq la ħa titwessa' u lanqas ħa tidjiq, imma ħa jinbidlu xi servizzi minn fejn Triq iċ-Ċimiterju għal Triq San Nikola.

7.3.6 Is-Sindku Matthew Agius Zammit wassal komunikazzjoni rigward il-problema ta' parkeġġ għall-karozzi u tal-muturi fit-toroq Triq Danny Cremona u Triq Karlu Darmanin.

7.3.6.1 Ġie ssuġġerit mis-Sindku li peress li hemm parkeġġ li jidħol ġo rampa għalhekk huwa parkeġġ moħli għal użu tal-karozzi, b'hekk



MZ

jista' jitneħħa bħala parkeġġ ta' karozza u jiġi parkeġġ ta' żewġ muturi. Fuq din kien hemm qbil mill-Kunsill kollu.

7.3.6.2 Rigward il-problema ta' parkeġġ hemm ukoll il-fatt li l-kaxxi mihomx ta' daqs tajjeb. Fuq dan l-aspett kien hemm diġa' xi bidu u kommunikat mil -Ex Sindku Terennce Agius; għalhekk ħa jiġi ċċekkjat x'kien ġie offrut qabel biex b'hekk il-Kunsill jara jistax isir 're-sizing' tal-kaxex tal-parkeġġ. F'dan ir-rigward kien hemm qbil unanimu.

7.3.7 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li ġie kkuntatjat minn rappreżenanti taż-żwiemel u dawn qalu li qed jitolbu permess lill-Kunsilli taż-Zurrieq u ta' Ħal Krkop biex jgħmlu tiġrijiet fi Triq Valletta.

7.3.7.1 Fi-kommunikat is-Sindku kompla jgħid li bħala assigurazzjoni il-Kunsill ikun kopert u bħala ħlas ħa jieħdu ħsieb huma.

7.3.7.2 Is-Sindku semma wkoll li bħala Kunsill ġie mitlub jieħu ħsieb, *'barriers'* , għeluq tat-Triq kif ukoll spejjeż ta' wardens u puluzija. Għalkemm l-ispejjeż ħa jinqassmu bejn il-Kunsilli ta' Ħal Kirkop u ż-Żurrieq, il-Kunsillera ma qablux f'dan ir-rigward.

7.3.7.3 Qablu li tingħata kwotazzjoni u li dan il-kommunikat jerġa' jiġi diskuss.

7.3.8 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li dwar l-Observation area il- ftehim jgħid li l-ħlas l-ewwel isir min-naħa tal-Kunsill , imbagħad joħroġ pagament wieħed ta' darba.

7.3.8.1 Fuq dan il-Kunsilliera ma qablux, u s-Sindku ssuġerixxa li joħroġ tender bir-rekwiżiti kollha, fosthom li jkun hemm mniżżel li - min jipprovdi s-servizz; jitħallas b' *installments.* Jekk dan ir-rekwiżit ma jiġix milħuq il-ftehim ma jiġix aċċetat. Fuq dan kien hemm qbil unanimu

7.3.9 Is-Sindku Matthew Agius Zamit waslitlu talba mingħand il-persuna li qed tieu ħsieb tiġbor fondi għal vann ta' mobbilta' biex ikunu jistgħu jieħdu sehem fl-



MZ

attivita' tal-Gigantic fejn ikollhom ħin iwassslu l-għan tagħhom u forsi jiġbru xi fondi. Il-Kunsilliera kollha qablu biex tiġi milqugħha din it-talba.

7.3.10 Rigward isistwazzjoni tal Social Housing Permess PA 05460/20 is-Sindku Matthew Agius kellu dan il-kommunikat:

7.3.10.1 Wara li saru l-laqgħat mal-awtoritajiet ikkonċernati ġie mwassal li issa ma jistgħu ssiru l-ebda alterazzjonjiet mit-tender għax ikun hemm multi eċċessivi għall-gvern.

7.3.10.2 Qabel ir-residenti kienu gergru għall-parkeġġ. Meta saru l-oġġezzjonjiet mir-residenti, dawn kienu saru fuq il-problema li ħa tinħoloq bħala parkeġġ u mhux fuq l-għoli tal-bini.

7.3.10.3 It-talba li saret mil-Kunsill f'isem ir-residenti kienet f'dan ir-rigward (ħabba parkeġġ) u issa l-kwistjoni idawret fuq li l-proġett xi grotesk.

7.3.10.4 Il-Kunsilliera Loranna Bonniċi kompliet iżżid li fil-laqgħa li hija u li s-Sindku kellhom mar- rapreżentanti tar-residenti ħarġu varji punti li ħa jkunu annessi ma' dawn il-minuti.

7.3.10.5 F'dan ir-rigward fuq qbil unanimu ġie deċiż li tinkiteb ittra lir-residenti fejn jiġi spjegat x'sar u x'inhu l-pass li jmiss.

## 7.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

7.4.1 Il-Viċi Sindku Bernice Caruana qalet li ma kellha xejn x'tikkomunika f'dan l-istadju.

7.4.2 Il-Kunsilliera Loranna Bonnici ġiet avviċinata mill-Kap tal-iskola Primarja ta' Ħal Kirkop, biex tara jekk il-Kunsill jistax jgħin fil-fondi biex jinxtraw xi kotba bħala premijiet għat-tfal. Fejn il-Kunsill ġie mistieden biex ikun preżenti f'din l-attivita'. Il-Kunsill aċċetta u bħala fondi ħa jingħataw __________.

7.4.3 Il-Kunsillier Joseph Schembri staqsa fuq il-festin li jsir ta' kull sena u li dan isir nhar ta' Ħamis, fost il-ġimgħa. Fuq dan kiem hemm qbil li ħa jseħħ u kien hemm qbil ukoll fuq id-data li ħa tkun id-19 ta' Diċembru, 2024.

7.4.4 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana qalet li ma kellha xejn x'tikkomunika f'dan l-istadju



MZ

## 7.5 Rapport tal-Ilmenti

7.5.1 Għand il-Kunsill wasal lment minn resident li jgħix fi Triq Karlu Darmanin, fejn qed jgħid li ħabba arblu li qiegħed quddiem ir-residenza tiegħu ma jistax jaċċessa bil-karozza u jersaq viċin tal-bieb tiegħu f'każ li tkun xita; għax peress li għandu t-tifel b'diżabilta' dan ikun iktar ta konvenjenza għalih.

7.6.1.1 Wara li dan ġie diskuss ma' entitajiet varji, dan il-proċess mhuwiex fl-fl-awtorita' tal-Kunsill imma f'idejn il-'*Housing*'.

7.5.2 Il-Kunsill wasalu lment rigward Triq il-lewżiet/ Triq San Nikola fejn qiegħed iżomm ħafna ilma. Il-Kunsill ħa jagħmel kanal tal-ilma biex b'hekk dan l-ammont ta' ilma ma jibqax staġnat.

7.5.2.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit ssuġġerixa li x-xogħol ta' dan il-kanal issir taħt l-iskema tax-xogħlijiet Pubbliċi billi jibda l-proċċess permezz ta' BOQ. Fuq dan kien hemm qbil unanimu

7.5.3 Ilment ieħor li wasal għand il-Kunsill kien rigward Ġnien Nerik Scerri fejn qed jintremew bosta affarijiet u dan ġie qisu 'miżbla'. Il-membri ddeċidew b'vot unanimu li jsir tindif sostanzjali ta' dan il-ġnien.

7.5.4 Is-Sindku Matthew Agius Zammit irċieva lment rigward mirja fi Triq San Pietru li nqalat minn kuntrattur waqt xi xogħlijiet u ma reġgħetx ġiet mwaħla. F'dan ir-rigward is-Sindku tkellem mal-kuntrattur u din ħa terġa' titwaħħal.

7.5.5 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana waslet lment ta' resident li jixtieq japplika għal-kaxxa ta' parking tad-diżabilta', iżda biex jagħmel dan irid ittra ta' '*no objection*' biex ikun jista' japplika. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni biex din issir.

7.5.6 Il-Kunsillera Ritienne Caruana waslilha lment rigward il-bankini fi Triq San Nikola għax qegħdin ta' periklu. Il-kunsill qabel li dawn isiru bis-siment u jduruwhom il-ħaddiema tal-Kunsill.

7.5.7. Il-Kunsillier Joseph Schembri wassal lment dwar Triq Danny Cremona, fejn ikun hemm vann li jipparkja fuq il-bankina u b'hekk jiġi '*blind corner*'.Għalhekk issuġerixxa li l-mirja li hemm tinbidel u titwaħħal waħda ikbar flokha.

7.5.8. Il-Kunsillera Loranna Bonniċi kellha lment rigward vann tal-posta li kien jiġi fiċ-ċentru ta' Ħal Kirkop u ħafna mir-residenti kienu jagħmlu użu mil-faċilitajiet u s-servizzi li kien joffri, fosthom ħlas ta' kontijiet, xiri ta' envelop u bolol u anke impustar u dan issa waqqaf is-servizz tiegħu.



MZ

7.5.8.1 Il-Kunsill qabel li tiġi kkuntatjatha Maltapost u jiġi mistoqsi x'sar minn dan is-servizz u jekk hemm nerġgħu nwassluh fir-raħal ta' Ħal Kirkop.

7.5.8.2 Meta jsir kuntatt mal-Maltapost jiġi wkoll mistoqsi rigward il-kaxxapostali li hemm fi Triq Santu Rokku, li apparti li ma tintużax hija fi stat ta' detterjorazzjoni u għandha bżonn ta' manutenzjoni.

## 7.6 Mozzjoni biex jiġi magħmul sottokumitat rigward toroq u manutenzjoni

7.6.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit resaq mozzjoni li ġiet ssekondata mil-Viċi Sindku Bernice Farrugia biex jiġi magħmul sottokumitat biex jieħu ħsieb lmenti u kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mat-toroq u manutenzzjoni.

7.6.1.1 Wara li kien hemm qbil fuq li jiġi eżistenti dan is-sottokumitat, is-Sindku staqsa jekk kienx hemm min huwa interessat li jingħaqad miegħu f'dan is-sottokumitat u l-Kunsilliera Loranna Bonnici uriet ix-xewqa li tkun parti minn dan il-grupp.

7.6.1.2 Għalhekk ħa jkun hemm sejħa pubblika biex min juri x-xewqa li jingħaqqad ma' dan is-sottokumitat, jista jagħmel dan billi jikkuntatja l-Kunsill.

## 7.7 Framework mis-servizzi għax-xogħlijiet Pubbliċi – allokazzjoni ta €75,000

7.7.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit tkellem dwar il – 'Public Works Department Framework' u x'joffri, fejn il-Kunsill Lokali ta' Kirkop ġie allokkat fondi ta' €75,000 u liema minnhom il-Kunsill applika biex jiġi mibdi x-xogħol fi Pjazza Żerniq.

## 7.8 Skema - Vjal Kulħadd

7.8.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit tkellem ukoll dwar l-iskema Vjal Kulħadd. Din is-sistema li tgħaqqad triq jew pjazza ma raħal ieħor li twassal biex tista tiġi pedonali biex b'hekk tiżdid iktar il-mobbilita' tan-nies u jkun hemm iktar għarfien fuq mixi u jkollhom iktar fejn jimxu bil-għan li jitnaqqsu l-karozzi.



MZ

## 7.9 Diskussjoni dwar Bye-Laws, Kiri ta' sala u Billboards

7.9.1 Il-Kunsiller Joseph Schembri ura tħassib dwar kif qed isir il-kiri ta' sala u tal-billboards; speċjalmnet meta hemm 'Bye-Laws li huma linji gwida biex dan il-kiri jseħħ.

7.9.1.1 Fuq qbil unanimu, il-Kunsill ħa jqabbad avukat u f'laqgħa jiġu diksussi l-Bye Laws fosthom l-ammont ta' flus li bihom jinkrew il-Billboards u s-sala u b'hekk ikinu jistgħu jiġu emendati.

## 7.10 Ġemellaġġ - Rousset

7.10.1 Il-Kunsill ġie kkuntjat mill-Kunsill ta' Rousset ġewwa Franza fejn talbu biex jingħaqdu mal-Kunsill ta' Ħal Kirkop biex ikabbru r-relazzjonjiet tagħhom u flimkien isir skambju ta' ideat, speċjalmnet fejn jidħlu l-aspetti ta' sport, skejjel u tfal. F'dan ir-rigward il-Kunsill wera interess kbir biex jiġi involut f'dan il-ġemelaġġ

## 7.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;

7.11.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nr 154 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

7.11.2 Is-Sindku Matthew Agius ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 155 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsilliera Bernice Farrugia, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 7.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

7.12.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

7.12.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 12 ta' Novembru, 2024 fil-17:00hrs.

7.12.3 Il-laqgħa ntemmet fit-19:55hrs.



MZ

**Mozzjoni Ref:** 01/24/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex jiġi approvat sottokumitat rigward toroq u manutenzjoni

**Proponent**
Matthew Agius Zammit

**Sekondant**
Loranna Bonnici

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 18 t'Ottubru, 2024

Sa. Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 02/24/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 155 tiġi approvata.

**Proponent**
Matthew Agius Zammit

**Sekondant**
Bernice Farrugia

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 18 ta'Ottubru 2024

Sa. Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 03/24/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex jiġu approvati l-minuti tas-seduta 6

**Proponent**
Matthew Agius Zammit

**Sekondant**
Bernice Farrugia

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 18 ta' Ottubru, 2024

Franklan Debono
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**



mz

Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP
parva non iners

**Mozzjoni Ref:** 04/24/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex is-segretarju Eżekuttiv, Franklan Debono , tkun tista' tifirma applikazzjonjiet għas-servizzi u oħrajn f'isem il-Kunisll Lokali ta# Hal Kirkop.

**Proponent**
Matthew Agius Zammit

**Sekondant**
Loranna Bonnici

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 18 ta' Ottubru, 2024

Franklan Debono
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**



MZ